# IN-NAĦLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL ĠIMGĦA BIEX TGĦALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebħa żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**107.** **17 ta' SETTEMBRU 1910.** **IT-TIELET SENA**


FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# X'NAGĦMLU ?

Il patriotta Prof: Manchè bagħatli copja ta'l ctieb, li ħareġ fuk l-Emigrazjoni u li fih l-articoli li dana il ħabriechi sinjur chiteb ftit ilu għa'd-«*Daily Malta Chronicle*» fuk dina il ħaġa. Għad li jiena cont krajthom meta dehru issa ar-ġajt krajthom bi pjacir cbir u nixtiek ħafna li il progett tiegħu jseħħ billi għalih ma hemmx bżonn ta' nefka cbira ta' flus u jecc jimxi il kuddiem jista jserraħ il pajjis minn ħafna nies kiegħda għal gid tagħhom u tagħna.

Il Prof: Manchè jrid li haŭn Malta jsir ufficċju b'impje-gati imħallsin m'il Gvern biex ijfehmu il cull min ijcun ijrid jemigra fejn jakbillu jmur l-aħjar, chemm ijrid jonfok, x'jista jakla u x'naf jien u fl-istess ħin jaraŭ liema jcunu l-aħjar nies għal l-emigrazjoni biex jirraccmandaŭhom lill Gvern ħalli dana jatihom passaġġ franc għal fejn ijcunu jiridu jmorru. Per esempju minn jaf sengħa imfittxa barra, jeŭ jaf ftit bl-ingliż jeŭ hu b'saħħtu actar minn ħaddieħor jeŭ ijcollu xi sold biex meta jasal jiflaħ ijżomm sa jsib x'jagħmel jirraccomandaŭh kabel l-oħrajn biex cull min ijmur jibka u jsaddad u jgħaddi il kuddiem u b'hecc m'hux biss ijcun gid għalih iżda għal Malta ucoll billi jagħmel il kalb lill oħrajn biex ijmorru bħalu u billi jcun jista haŭn jibgħat xi ħaġa milli jakla u b'hecc ijżid ir-risk ta' dana il pajjis li għandu bżonn cbir li jidħlu ftit flus fih. Barra minn dan il Prof: Manchè jixtiek li f'il pajjisi li jiġu ŭara studju raccomandati għal l-emigrazjoni ijcun hemm nies maltin impjegati m'il Gvern tagħna ucoll m'hux biss biex jibagħtu cull xorta ta' imformazjonijiet li jcun hemm bżonn iżda ucoll biex jilkgħu lill emigrati li jaslu, biex ijsi-bulhom fejn jaħdmu u biex jatuhom id-daŭl u jakbżu għa-lihom f'dac collu li jcollhom bżonn. Jiena sgur li jecc il Gvern jati ŭiden għal dana il progett sabiħ ta'l Prof: Manchè jcun haŭn l-eluf li jitolbu li jemigraŭ. Biss il Gvern hu rieked jonħor għaliex f'dan ma jidħlux interessi militari.

Iżda jecc m'hux dana xi ħaġa hemm bżonn li issir illum jeŭ għada għaliex il għacs cull ma jmur actar joctor u fl-aħħar ma insibux f'hiex inżommu iżjed. Il Port tagħna jinsab it-trascurat għal collox u il bastimenti tgħerrxu billi haŭn ma jsibux daŭc il cumditajjiet li jsibu f'portijiet oħra, u meta minn Malta tneħħu il cummerċ ta'l Port ma nafx x'jista jibka seŭŭa għal kliegħ il flus f'il pajjis. Il passiġġieri tgħerrxu m'il banda l-oħra billi is-Sanità ma hix ħliet tagħmlilna ir-*reclame* issa b'il deni, issa b'il gidri u x'naf jien u dana ma in-nukkas ta' cumdità għal vjaġġaturi il cbar u in-nukkas ta' *reclame* biex ijħajjruhom jiġu l-haŭn compla għarrak il kliegħ li chien haŭn magħhom f'il Gżira. Industriji ma għandniex u actar ijdum ma jcollna għaliex illum imħabba f'il-ligijiet kliel ta'l Gvern ħadd ma jrid ijħaddem flusu haŭn u cullħadd jakbillu aħjar li jħaddem flusu f'it-titoli. Barra minn dana inżidu li il Gvern f'loc ma jkaŭŭi kalb l-industriji actar jara chif jagħmel u jgħarrakhom, u dana rajnih dan l-aħħar f'il biċċa ta'l bejjiegħa ta'l ħalib li bla bżonn ta' xejn u barra minn ŭaktha kanklu-lhom ligi li sejjra iġġibhom collha bħal kasba tixxejjer f'ir-riħ u b'hecc tcun irvinat ruħha ŭaħda m'il aħjar industriji li chellna u li chienet tgħajjex eluf ta' nies. Dari conna naraŭ xi sold m'il baħrin u m'is-suldati, illum dana spiċċa ucoll għaliex jeŭ kiegħdin ijżommuhom jonfku il paga f'pajjisi oħra jeŭ għa-mlulhom tant messijiet u cantinijiet b'tant regolamenti ħelŭa u cumdità cbar li ftit huma daŭc il baħrin u suldati ingliżi li jix-xerrdu jonfku sold f'il ħŭienet barra; biex ma insemmix ir-re-golamenti jebsin contra il ħŭienet tagħna biex chemm jis

għu jgħerrxu l-ingliżi minnhom. L-impieghi b'il ftit il ftit, collha kiegħdin jakgħu f'idejhom u dana tħossuh jecc titilgħu fuk lanċa għaliex ma taraūhiex miżgħuda ħlief bl-ingiiżi. Meta tneħħi dana collu x'jibka? Xejn jeū ūisk ftit.

Mela hemm bżonn li il poplu jifhimha tajjeb u jara ftit chif jirranġa dina il praspura imħaūūda b'id-drittijiet u is-setgħa li tatih il-ligi. Hemm bżonn li ma jokgħodx ijxeblec moħħu fuk il festi u it-tiġrijiet biss, iżda li jaħseb ftit għa's-sod u li f'loc li jokgħod ijħabbel rasu b'il pichi u b'il polemichi f'il politica jara chif jista jseūūi ftit il għaūġ li jinsab fih il pajjis.

Hemm bżonn li il poplu jitkankal biex jkankal lil Gvern halli jistudja dina il praspura tant importanti. Hemm bżonn li jsiru *meetings*, petizzjonijiet u ħūejjeġ oħra legali bħal daūn halli il Gvernatur jintebaħ li il pajjis beda jbati il ġuħ u jara x'jagħmel għal gid tagħna; għaliex jecc jibka jarana dejjem moħħna f'il festi u f'it-tiġrijiet u f'il polemichi u it-tgħajjir bejn Peppu u Ciccu katt ma jemmen li il pajjis beda jitgħaūūex b'il għacs u jibka jongħos chif inhu.

Nitkanklu mela u nistenbħu ftit; nagħmlu petizzjoni kaūūija lill Gvernatur halli infehmuh dan collu biex forsi jitkankal. Inżidu xi ftit *meetings* seūūa halli insemmgħu ftit ucoll lil l-Inghilterra f'liema gūaj tinsab dina l-imsejcna colonja tagħha, għaliex b'hecc nistgħu nirranġaū xi ħaġa; iżda jecc nibkgħu chif aħna nistenneū li il bajtra taka f'ħalkna ma naslu imchien jeū actarx naslu f'miserja u f'ġuħ li nibdgħu nieclu il xulxin.

Ftacru li min ma jibchix ma jardax. Nistenbħu, mela, nistenbħu ftit.

# FRAC.

Il Maġġjur John M. Camilleri ta'l Esercitu Indjan laħak Cmandant ta'l *Shekhwati Regiment* f'Hong Kong. Dana il malti kalbieni li kiegħed jagħmel unur lill pajjisu jigi hu it-Tabib Gużè Camilleri ta'l Furjana u hu il P.L. Manūel Camilleri, l-Interpreti ta'l Krati t-Isfel tagħna.

Ħakku tifħir ucoll is-Sur Cumbo ta'l Cajr talli ivvinta *Nilograph* elettricu li hu ta' ħtieġa cbira ūisk billi bih jistgħu jcunu jafu malajr m'il ufficċju stess meta timla jeū tofroħ ix-xmara ta'n-Nil jeū xmajjar oħra. Bravi il Maltin żommu dejjem f'il għoli il giħ ta' dina il gżira fost il barranin.

★

Krajt b'għafsa ta' kalb cbira li hemm il ħoss ta's-sensja għal xi ħaddiema ta't-Tarznar. Dana jonkos issa m'al katta biex incomplu nixxaūūtu actar milli aħna. Iżda nitma li dina tcun ħaġa għal żmien kasir biss.

★

Il Magistrat Parnis kiegħed ijūaħħal bl-oħxon lil daūc li meta jcollhom xi cas ta'l gidri f'darhom ma jirrappurtaūhx minnufih lill Pulizija, u kiegħed jagħmel ta' ragel u kiegħed jakla it-tifħir ta' cullħadd għaliex dana ma hux seūūa li ūieħed jaħbi daūna il mardijiet u jibda jiġgiera kalb in-nies biex ijnigges pajjis sħiħ.

★

Il Cumpannija ta'l Artisti ta't-Teatru Rjal għal l-istaġun li gejja għoddha lesta. Il primidonni huma Luigia Broggi u Sara Davis; il mezzo-sopran, Lia Orlowa; it-tenuri Noè Matorsich u Ottorino Rosati; il baritoni, Arminio Battistini u Carlu Silvestri; il Baxxi, Antonio Fossati u Gaetano Roveri; id-Direttur ta'l Orchestra is-Surmast Poggi ta' kabel. Bħala opri ġodda sejjer ijcollna:— TZIGANA u NOZZE ISTRIANE.

★

Dac il *fireman* li chien hemm marid b'il pesta f'Chemmuna fiek għal collox u da'l ūakt jerħuh.

★

Meta id-Duca ta' Cornwall laħak *Prince of Wales* f'loc missieru is-Sultan George V, it-Tabib Inglott, President ta'l Banda ta'l Birgu «Prince of Wales» bagħat jifraħlu b'telegramma annom ta'l Banda u ta'ċ-«Circolu Vittoriosa.» Dana ircieva risposta m'hux biss ta' ringrazzjament iżda ucoll li is-Sultan stess ijrid li dina il banda tibka iġgib l-isem ta' «Prince of Wales» li chien taha hu stess. Nifirħulhom għalhecc b'il kalb minn dana l-unur reali.

★

Is-Sur Cesare Bornaccini, ftit żmien ilu chien chiteb ittra l'is-Sur Cicc ta'l «*Avvenire*» fejn kallu fiha li biex jerfgħu ftit il poplu baxx m'il għacs li jinsab fih ijmisshom ijsiru il CCEJJEN POPOLARI li f'pajjisi oħra irnexxeū ūisk, igifieri li jsir Cumitat biex jiġbor minn għand il għonja halli jcun jista bi ftit soldi jati jieclu lill fkar ichel tajjeb u sustanzjus. L-idea togħġobni ħafna u nitma li is-Sur Cicc jitchellem fukha aħjar chif ġa ūiegħed u kabel nispiċċa ma irridx ninsa ingħid illi is-Sur Bornaccini beda biex ūiegħed HAMES LIRI MINN BUTU biex jitūakkfu daūna il Ccejjen. Dana juri m'hux biss chemm għandu kalb tajjba is-Sur Bornaccini iżda ucoll chemm ijħobb il Maltin u li ma hux ūieħed minn daūc il frustieri li kiegħdin f'pajjisna biex bħal ħafna sanghisughi jerdgħulna demmna biss.

★

Nitma li dac Manūel Borg, is-suldat ta'l Milizja, li salva lil dic it-tifla Emilja Zammit, li ūakgħet bejn il-lanċa ta' Ta's-Sliema u il mol u li chiecu ma chienx hu chienet sgur tmut imgħaffġa jigi ippremjat m'il Gvern għal dina il ħila tiegħu billi kabeż il baħar b'il ħūejjeġ b'collox u li jatuh il flus li ūakgħulu il baħar sa chemm giebha. Dana il għamil ta' curaġġ hemm bżonn li jigi dejjem incoraġġit għaliex inchella meta jcun hemm il bżonn ma jakbeż ħadd.

★

F'Ūied-il-Għajn sar Teatrin għal mogħdija ta'ż-żmien xierka bejn in-nies li jmorru għal vileġġjatura hemm. F'il ftuħ għamel taħdita sabiħa b'it-taljan is-Sur Serafin Vella u intgħogbu ħafna is-Sna: Soler, is-Sri Soler, Spiteri, Caruana, Inglott, O. Azzopardi, is-Sni: Farrugia u oħrajn. L'orchestra chienet taħt it-triegija ta'l imfaħħar Surmast G. F. Buhagiar.

★

Krajt li f'il Canada, fl-aħħar sitt xhur, daħlu ħamsa u erbgħin elf emigrat ingliż, igifieri għoxrin elf actar m'il istaġun l-oħra u tmintax il elf eūropeū ieħor u li collha sabu x'jagħmlu billi ħadd minnhom ma talab għajnuna lill Gvern ta' hemm.

★

Nitolbu għa'r-ruħ ta's-**Sur Ġużè Sciortino**, missier iż-żeūġ sculturi tant imfaħħra Frangiscu u Antonju, li halla dana il ūied-ta-dmugħ ftit ġranet ilu mibchi minn cull min chien jafu. Chellu 84 sena.

★

Fraħt ħafna meta krajt li il **Festa Nazzjonali** sejjra dina issena issir f'il 25 ta' Settembru; u nitma li tirnexxi ħafna bħa's-sena l-oħra. Jiena bi ħsiebi f'in-numru ta' 24 nitħaddet f'it-tul f'in-«Naħla» fuk l-Assedju il Cbir u fuk il ħila ta' missierij:e-

tna billi nixtiek ħafna li il Maltin collha jcunu jafu x'għamlu daŭna biex iddefendeŭ il dana il pajjis u it-tŭemmin nisrani m'il chiefer Nofs-Kamar. Sejjrin ijsiru tiġrijiet ta'ż-zŭiemel u ta'd-dgħajjes ucoll. Jidhirli li chiecu il Cumitat nefak il flus f'xi ħaġa ankas barbara u pericolusa chien jagħmel ħafna aħjar.

★

«Aħna ngħidu *illum* u *issa*. Daŭn seŭŭa-seŭ għandhom jinchitbu *il-lum*, *is-sa; il*-u-*is*- bħala articoli u *lum*, *sa* floc *jum* u *siegħa*; ara għala:—

*F'din is-sena* u *f'din il-lejla* jiksaru fiż-żeŭġ chelmiet *is-sena* u *il-lejla*: mela *f'dan il-jum* u *f'din is-siegħa* jmisshom jiksaru fiż-żeŭġ chelmiet *il-jum* u *is-siegħa*. Imma biż-żmien ġara li *il-jum* (li fil-għarbi bakgħet bla mittiesfa) fil-malti tħassret fil-chelma *illum*, jeŭ aħjar *il-lum*, bħalma ġara minn *il-jatim*, *il-jasir*, *il-jemin*, li tħassru f'*il-ltim*, *il-lsir*, *il-lemin*, ŭakt li fil għarbi bakgħu mattiesfux; u is-siegħa (bil għarbi *is-sâgħa*) tħassret u ksaret fil-chelma *issa*, jeŭ aħjar *is-sa*. G. Vassallo.

★

Jidher ċar li is-Sur Cicc ma jridx jitlak mn'idu il borsa b'it-tliet mitt lira u għalhecc kiegħed jistaħba ŭara l-isem *Santo Santi* biex ijbeżżagħna li jecc jitilku chif kalu daŭna l-imbierca ta' Cunsilieri tirvina!!!! Malta għal collox. Għala jecc hu hecc dina l-irvina collha ma rauhiex kabel ma iffirmaŭ dic il famusa dichiarazjoni? Jakaŭ dac il ħin riedu jsalvaŭ rashom biss bla ma kagħdu jħabbluha xejn jecc hix sejjra tirvina Malta jeŭ le? Nitolbu b'il kalb l'is-Sur Cicc li ma jgħoddniex actar ta' trabi b'subgħajna f'ħalkna għaliex jarralu. Jecc hemmx loc ta'd-dimissjoni jeŭ le f'Ottubru li gejj u la għandu jiddecidih hu u lankas il «Gazzetta di Malta» iżda l'Elettorat u dana għandu jara u m'hux il *Chronicle* jecc għandux jimxi b'd'it-triek jeŭ b'oħra għaliex dac li tgħid il *Chronicle* cullħadd ijxomm fih ir-riħa ta'l colera.

Mela jecc ir-Sur Cicc ijrid jimxi ta' galantom u ma ħux kiegħed jigbed in-nar lejn xaŭŭattu jiġbor il Conferenza ħalli jara chif jaħsbuha l-eletturi inteligenti u m'hux jippretendi li Malta collha għanda tokgħod tuk il fehma tiegħu biss biex issalvalu it-tliet mitt lira.

★

Tridu xi prova ċara daks iż-żejt chemm hi miexja imgħarrka l-Amministrazjoni ta'l Gvern f'pajjisna? Isimgħu ftit l-istorja ta'l-Lanċa Lena. Dina il Gvern biegħha b'xi mitejn u tlietin lira għaliex kal li kdiemet u ma hix tajjba actar għa'x-xogħol. Min xtraha irranġaha u giebha tajjba għax-xogħol. Il Gvern t'locha u b'il flus li daħħal ma ħax ħsjeb li jagħmel oħra u għalhecc issa meta chellu bżonn ta' lanċa għal Chemmuna biex tgħasses għal dac l-impestat li chien hemm il Gvern sab ruħu f'saram icreħ u chellu jicri il-Lena b'erba liri u nofs cull jum b'mod li f'chemm ilha micrija m'hux talli ħarġu il flus li chien daħħal fiha il Gvern iżda ġa ħareġ xi erbgħin lira m'il but ucoll. Ħakku prosit fuk id-difrejn! bħal ma ħakku prosit ieħor għa'x-xiri ta'l famusa Mona li b'nofs flusha chien jibni ŭaħda haŭn Malta, jkalla il flus lilna u jinkeda aħjar.

★

Billi fl-aħħar «Naħla» ħarbilna in-numru ta'l bieb ta'l Legatur Nurat Debono ingħarrfu li dan jokgħod fi Pjazza St. Agostino, nu. 17, il Ħamrun. Min għandu jmur ijħaffef għaliex min jasal tard actarx li ma jitħakx numri li jonksuh.

★

Ix-xogħol ta'l Krati t-Isfel għoddu lest u ħakkhom tasseŭ prosit b'il kalb il Perit Bonavia u l-Imgħallem Muscat talli għarfu hecc tajjeb u fi żmien kasir ijtemmu xogħol hecc diffiċli u pericolus bla ma corra ħadd. Biss hemm bżonn li issa jżommuhom ftit xierka chif ijmiss u li ma jħalluhomx ijsiru it-tocc ta'n-nisa ħżiena collha u ta' chemm għażżenin u banavolji joħlok il pajjis. Dan l-aħħar chien sar ŭieħed m'il actar lochijiet immorali ta'l Gżira fejn ħafna żgħażagħ chienu jiscartaŭ l-iscola biex jiġu jitgħaxxku b'ħafna ucuħ miżbuha u fejn daŭna chienu minnufih jakbdu il parlata magħhom. Hemm bżonn ucoll li tispiċċa darba għal dejjem dic ir-rassa cherha li fiha ma jistgħux ijsiru ħlief serk u fastidju. Hemm bżonn li il Pulizija li jħallu għassa għal bon ordni f'il curitur iżżomm passaġġ liberu għal min ijcun ijrid jgħaddi jeŭ jidħol f'is-sŭali u m' ħux tokgħod tlablab hi stess u tiċċaċċra. Chiecu ħalleŭ il Pulizija fil bieb biex il min jidrilha li gie għal għaccarija jeŭ b'xi fini ħazina ma tħallihx jidħol kabel ma jati raġuni tajjba għala jagħmlu ħaġa tajjba tasseŭ u nisa ħziena ma jmissuhomx ijħallu jidħlu ħlief meta jcunu imħarrchin. Hemm bżonn li tinkata il moda li ħafna minn daŭna jintasbu f'il Camra ta'l Procuraturi Legali għal taparsi biex ijċhellmu il xi ŭieħed minnhom f'il ħin li jokgħdu hemm biex jiċċaċċraŭ u ŭisk drabi b'mod ftit xierak. Mela indafa f'collox!

★

Issa li il Krati t'Isfel ta'l Belt, chif ġa għarrafna, irranġaŭhom u taŭhom ħafna ŭisa b'mod li il curitur jista jasa ħafna nies ŭisk actar minn kabel hemm bżonn li jfittxu jneħħu il Krati ta'd-distretti u jiġbru collox il Belt b'gid cbir ta'l poplu u ta'l Gvern ucoll.

L'eŭŭel gid ijcun dac li il Gvern jibda biex jiffranca dakka ta' mitt lira f'is-sena m'il crejjiet li kiegħed ijħallas ta't-tliet tidjar li fihom kiegħdin jinżammu il Krati. Barra minn dana jiffranca l-ispejjes cbar li kiegħed ijħallas biex ijżomm tliet Registraturi mitlufa ŭara tużżana jeŭ tnejn caŭżi ta'l campanja u l-ispejjes ta'l purtieri tagħhom. Ma daŭna tidħol ucoll l-indafa u il manutenzjoni ta' daŭna it-tliet tidjar li ma tul is-snin titla somma sabiħa ħafna. Inżidu ma daŭna il carrozzin li jonfku il Magistrati u b'collox insibu li il Gvern jiffranca ma't-tliet mitt lira f'is-sena billi biex jitilgħu ix-xhud hemm b'il carrozzin jonfku ŭisk actar milli biex jiġu b'it-tram jeŭ b'il vapur-ta'l-art il Belt. Barra minn dana jonkos dac il ħafna giri u tixrid ta'l Magistrati li b'hecc jitilfu ħafna żmien u il caŭżi actar ma jlaħħkux magħhom. Għal poplu jakbillu aħjar għaliex cullħadd actar jakbillu jinżel jixħed il Belt fejn dejjem ijcollu xi facenda x'jakdi milli jmur jitlef nofs ta' nhar f'il campanja. Mela hemm bżonn li il caŭżi jinġabru collha banda ŭaħda ħalli ma jibkgħux jintefku flus bla ma jcun kiegħed ijsir l-ebda gid għal poplu.

Hemm bżonn ucoll li issir riforma bħal ma kal *Cesare* ta'l «Gazzetta di Malta» li f'loc l-Ispetturi u is-Sotta-Ispetturi ta'l Pulizija il caŭżi jagħmluhom nies legali għaliex m'hux seŭŭa li bosta drabi meta tagħmel rapport lil Pulizija dina tibgħat biex ijmixxih kuddiem il Magistrat il certi membri ta'l Pulizija li ma jcunux capaċi u b' hecc bosta drabi ma tieħux soddisfazzjon m'hux għax ma jcollocx raġun iżda għaliex ma jcunx hemm min jaf jiddefendi il biċċa seŭŭa f'il ħin li għan-naħħa l-oħra jcun hemm Avucat jeŭ Procuratur Legali tajjeb li jfixclu lil Ispettur u jieħdu raġun meta ma jmisshomx: Chiecu il caŭżi kuddiem il Magistrat jirraġunaŭhom żeŭġ legali is-seŭŭa u il ħakk jitilgħu actar f'il ŭiċċ u għal Gvern ijcun l-istess billi f'loc li jitħallas Spettur għal dac ix-xogħol ijtħallas bniedem legali. Nitma li dana il cliem ma jmurx f'ir-rieħ.

**Hmistax il Lira Rigal!**

**Intilef ċurchett b'il fossa djamant fi Strada San Nicola, (bejn Strada S. Paolo u Strada Mercanti) Il Belt. Min ijsibu u jieħdu l'is-Sur Camilleri ta' Strada Mercanti, 51 jakla dana ir-rigal li semmejna.**

# Il-Ligijiet Tagħna.

(*Jissoctaŭ minn numru ta' kabel.*)

L-articolu sitta jgħid li cull minn jennegozja fl-armi jeŭ f'daŭc il ħŭejjeġ l-oħra li jidħlu taħt dina l-Ordinanza jrid ijżomm *inventarju*, igifieri mictubin ħaġa b'ħaġa l-armi u l-istrumenti l-oħra li jcollu f'ħanutu, u kabel ma jiccunsinnja xi ŭaħda jeŭ ŭieħed minnhom, tant b'bejgħ chemm ucoll xort'oħra, lil min ijcun, għandu jniżżel f'registru miżmum apposta l-isem, il cunjom, l isem ta'l missier, is-sengħa u fejn jokgħod dac li tcun iccunsinjajtlu l-arma jeŭ l-istrument.

F'cull faċċata ta'r-registru li semmejna jrid ijcun hemm innumru u f'il bidu u fejn jispiċċa ir-registru jrid jigi iffirmat m'is-Supraintendent ta'l Pulizija li jrid jicteb ucoll chemm il faċċata fih b'collox dac ir-registru. Għal cull arma li tinbiegħ u li tigi irregistrata min jixtri l-arma jrid ijniżżel ismu fih u jecc il min tigi iccunsinnjata l-arma b'bejgħ jeŭ xort'oħra ma jcunx taf jeŭ ma jcunx jista jicteb il firma jrid jagħmilha il cummerċjant ta'l armi stess u jrid jicteb taħt għala iffirma hu 'loc l-ieħor.

Cull xahar, jeŭ jecc ijcun mitlub kabel, dana il cummerċjant ijrid jati copja l'is-Supraintendent ta'l Pulizija ta' chemm l-arma jeŭ strumenti oħra jcun irregistra f'dac il ctieb.

Cull uffiċjal ta'l Pulizija għandu id-dritt li f'ħin xierak ijmur jeżamina dac ir-registru, li jżur il ħanut u l-imħażen ta' dac il cummerċjant, u li jivverifica jecc dac li hemm imniżżel f'ir-registru jakbelx ma dac li baka f'il ħanut.

L'articolu sebgħa jgħid li cull min jicseb xi arma ta'n-nar taħt idejh tant b'bejgħ chemm ucoll xort'oħra għandu jħarisha b'mod li ma tcunx tista taka taħt idejn ħaddieħor.

Hadd minn daŭna ma jcun jista jbiegħ, ijciedi jeŭ jiccunsinnja b'xi mod ieħor dina l-arma lil żgħażagħ taħt tmintax il sena jeŭ għad li acbar li ma jcunux jafu jimmaniġġaŭ seŭŭa l-armi.

Cull ufficċjal ta'l Pulizija, basta ma jcunx ta' grad ankas minn ta' Sotta-Ispettur, jista jgigħel lil cull ŭieħed li jcun jaf li ŭakgħet f'idejh arma milli semmejna jeŭ sicchina b'il ponta, li jatihomlu f'idejh.

L-articolu tmienja jgħid li ħadd ma jista joħroġ minn daru jeŭ minn ġnien jeŭ bitha jeŭ xi biċċa oħra ta'l istess dar bl-armi fuku minngħajr ma jcollu is-sensja ta'l Pulizija.

F'dina is-sensja jcun hemm mictub xi qŭalità ta' arma tcun tista toħroġ, u dina is-sensja ma tcunx tisŭa għal actar minn sena li tibda tgħod dejjem m'il eŭŭel ta' Jannar chif fehimtcom kabel.

L-articolu disgħa jgħid li minn daŭc collha li semmejna fl-articolu ħamsa ħadd ma jcun jista jakla dina is-sensja ħlief b'permess speċjali ta'l Gvernatur, jecc sa tliet snin kabel ijcun għamel xi ŭieħed m'id-delitti imsemmija fl-istess articolu ħamsa.

Jista ucoll is-Supraintendent ta'l Pulizija, jecc jara li hu għal gid ta'l pajjis jeŭ ta' min ijrid l-arma stess, li ma jatihx dina is-sensja, biss is-Supraintendent ijrid jirregistra ŭieħed ŭieħed daŭna il casi u jirrapporta fukhom lill Gvernatur.

Dina is-sensja katt ma għanda tintgħata il min ma jcunx għadu għalak it-tmintax il sena.

L-articolu għaxra jgħid li dina is-sensja taka minnufih ŭieħidha malli dac li jcollu is-sensja jigi iccundannat għal xi ŭieħed m'id-delitti li semmejna fl-articolu ħamsa, jeŭ meta is-Supraintendent ta'l Pulizija għa'r-raġunijiet li semmejna kabel u li jridu jiġu irregistrati u irrappurtati lill Gvernatur chif għidna kabel, jordna li dic is-sensja għanda tigi imħassra jeŭ miżmuma.

Fl-articolu ħdax insibu li dina is-sensja ma hemmx bżonnha għa's-suldati u għal baħrin ta'l Gvern Ingliż u għal Pulizija meta daŭna l-armi jgibuhom f'il ħin li jcunu jakdu is-servizz tagħhom; u lankas ma hemm bżonnha għal daŭc li jcollhom ġa is-sensja li jistgħu jżommu xcubetta biex joħorġu biha għal caċċa.

(*Jissoctaŭ.*)

# Il Musica Sagra Maltija

( *Tissocta minn numru ta' kabel.* )

## Dun Michelang' Vella.

Hi ħaġa ta' min jitħassarha ħafna li dina il musica ta' Dun Michelanġ ma deħretx iżjed. Min jaf x'għadda minn għaliha, jecc kartsux fiha bla ma chienu jafu x'tisŭa jeŭ iżżejjenx biha xi ħadd ieħor, bħal ma jiġri ŭisk drabi, u għadna nitgħaxxku biha sa'l-lum? Nafu biss li il musica ta' daŭc il *Cantate* dejjem chienu jordnaŭha lill aħjar chittieba ta'l musica ta' dac iż-żmien u minn dana nistgħu naħsbu li chienet tisŭa xi ħaġa tasseŭ. U chien jicteb actar musica għal *Cantate* chiecu il Comm: De Marbeuf, Captan ta'l Belt u li f'idejh chienet tintreħa dina l-affari, ma chienx ħabib damma ma'n-naplitan Sammartino, kassis ta'l Ordni u surmast ta'l cappella ta' S. Ġŭann, u li chien ta' cull ŭaħda jżattat lilu billi cull frustier li jaħchem fukna ftit ijħobb jimbotta lilna il kuddiem meta jara li għandna ftit ta'l moħħ tajjeb.

Dun Michelanġ chien stampa musica f'Parigi iżda billi dina ġa tchellimt fukha kabel meta ctibt fuk il Melodramm sejjer haŭn biss insemmi il Musica Sagra tiegħu. Fl-*Arte* ta'l Vassallo insibu li chiteb kuddiesa cbira ta'r-*Requiem* (ta'l Mejtin) u is-Salmi *Laetatus*, *Nisi* u *Laŭda Jerusalem*, u li chif ijgħarrafna dana il Professur laħak fi żmienu min chien għadu jiftacar fihom u jfaħħarhom ŭisk billi juru li Dun Michelanġ chien jaf tajjeb ħatna il contrapunt u li chellu ħafna f'il chitba tiegħu minn dic il melodija u ħleŭŭa li l-actar chienu jintgħoġbu f'dac iż-żmien.

Dun Michelanġ chien ijgħallem il musica il ħafna Cavalieri u il ħafna maltin ucoll u hu b'iż-żejjed li minn fost l-isculari tiegħu ħarġu iż-żeŭġ Mastri-di-Cappella Burlon u Magrin li għad nitchellem fukhom actar il kuddiem.

Miet fl-1792 mibchi minn cull min chien jafu għaliex chien kassis galantom u għad li chien nervus ħafna u jitilgħulu minn xejn u jħobb jarfa idu u jfarfar xi dakka ta' ħarta il min chien jisgarralu xi nota, chien iżda kalbu ta'z-zoccor u jħobb il cullħadd. Jinsab midfun f'il Ċnisja ta' Bormla, pajjisu.

Is-Sur Paŭl Castagna fi-«Istorja ta' Malta» tiegħu jsemmi ucoll Kuddiesa oħra għal festi u jsemmi Għasar iżda fuk daŭna ma sibna xejn actar band'oħra.

## Dun Pietru Paul Pullicino.

Dana ŭieled f'Ħa'ż-Żebbuġ fl-1720 u studja il musica Napli għand D. Vincenzo Orgitano. Dana ma chitebx ħlief musica sagra biss u tiegħu insibu imsemmija seba kuddiesiet differenti; Kuddiesa ta'l Mejtin mictuba fl-1765, għasar u xi salmi fost-

hom il *Miserere* mictub fl-1767, ir-responsorji ta'l Gimgħa il Cbira u xi ħüejjeġ oħra. Miet fl-1785 ta' 66 sena.

Dana hu dac cclu li għadni s'issa sibt fuk dana il compositur ta'l musica malti; biss billi dana jigi karib il għaref u maħbub Imħallef Pullicino li għandna illum, tlabtu li jara jistax jiġborli xi ħaġa aħjar fuku u dana üegħidni li għandu jagħmlu b'il kalb collha. Għaldakstant malli dana il glorja l-oħra ta' pajjisna jsib iż-żmien biex jakdini jiena naticom biografija ftit actar imsaüüra biex l-għamil ta'n-nies cbar tagħna chemm nistgħu inżommuh ħajj. *(Tissocta.)*

# TLAKKIT MALTI.

*(Jcompli minn numru ta' kabel.)*

SANT'ANĠLU. scond Lüigi del Marmol, (Descriz: d'Africa) gie mibni m'il Għarab fi's-sena 828, iżda scond il Cronaca Arabica Cantabrigense Malta üakgħet taħt idejn is-Saracini f'aüüissu ta's-sena 870. Fl-antic S. Anġlu chien ta'l Familja Nava billi chien tahulhom ir-Re il Cattolicu għal fedeltà tagħhom, iżda üara, chit ijgħarrafna il għaref malti Domenico Magri fl-opra tiegħu «*Viaggio al Mcnte Libano,*» cedeüh lill Cavalieri bi dritt ta' tant f'is-sena.

FL-**1647** il Birgu chien fih 3,063 ruħ b'782 dar. Fl'1772 chellu 3,766 ruħ fosthom 47 sacerdot. Fejn jokgħod l'Ammirall illum chien il palazz ta'l Captan General ta'x-Xüieni.

IL FORTI TA'S-SALVATUR gie mibni m'il G. M. Manoel fl-1724. Il Cunvent ta'l Capuċċini imbena fl-1736 fuk l-art li tahom Ġużè Abela. «Ta Bighi» hu hecc imsejjaħ għaliex fuku chien bena dar ta'l vileġġjatura il Priur Ġanni Bichi. Dana il post tant għoġob il Napuljun meta gie Malta li üara il güerra ta'l Egittu chien bi ħsiebu li jibni palazz famus hemm fuk u jigi jokgħod fih għal collox.

ŻONKOR ta' Üied-il-Għajn hu hecc imsejjaħ għaliex minnu fl-antic chienu jaktgħu iż-żonkor. Dan il post chien jissejjaħ l-**Ennüadar**, u fih chienu jsibu bħal gebel tond li chienu jsejjħulu *għajn-is-serp* u li bih chienu jifhmu li jfejjku il gdim ta's-sriep u l-ugiegħ ta'l genbejn meta jagħmluh fossa f'curchett.

Fl-**1565** il flotta torca l-eüüel ma daħlet chien f'Marsaxlocc. Fuk il Marnisi, fl-antic, chien hemm Tempju ta'l Ġganti, seüüa seü fuk il *Għar*.

FL-ANTIC l'ix-xüieni kabel ma jitilku għall Lvant jeü għal Barbarija chienu jkaddsulhom kuddiesa f'il Kala ta' S. Ġorġ ta' fejn Birżebbuġa. Haün ucc!l chien hemm imħaffrin güiebi cbar biex jerfgħu iż-żjut fihom li chienu jsiru f'iż-Żejtun. Minn xi bir bħal daün actarx ħadet l-isem **Birżebbuġa**.

BINGHISA ħadet l-isem minn Bin Isa üieħed għarbi li chien ijgħammar hemm fl-antic.

Fl-**1632** l-Imdina b'ir-Rabat chien fihom 565 dar b'2,621 ruħ scond ir-roll magħmul b'ordni ta'd-Duca ta' Albuquerque m'il Balliju Valdana megħjun m'il Procuratur Fiscal Dottor Bava. *(Jissocta.)*

# Għa'n - Nisa.

*(Jissocta minn numru ta' kabel.)*

Jecc trid li ma torkodx b'xejn hu tazza ħalib, jeü biex issaħħanha ftit agħamilha crema ħafifa bi ftit *oatmeal*, jeü jecc ma tħobbx il ħalib hu biss insalata ta' ftit ħaxix b'iż-żejt iżda bla ħall u chemm tista m'il ankas ħobż u üara ü tippassiġġa nofs siegħa fukha mur orkod. u ara chif barra milli tgħaddi lejl qüieta, bla nħir, bla ħolm u bla tkallib u füaüar f'is-sodda tisbaħ f'il għodu donnoc üarda, ferħana u b'chilba għa'x-xogħol. Ma hemmx bżonn ingħidlec li ma għandecx tixrob imbit jeü birra jeü xi spirti u lankas tè kabel torkod għaliex daüna jkajjmu in-nervi f'loc li jrakkduhom biex jistriħu u jcheċcu in-ngħas b'il *caffeina* li fihom f'loc li jrakkduc actar f'il fond bħal ma għandec bżonn biex tistriħ aħjar.

L-ichel ta' f'il għaxija hu collu xogħol u flus mormija b'dannu cbir ta'l but u ta's-saħħa. Tcunu għadcom b'il buccun f'ħalkcom ta' nofsinhar meta ġa tibdgħu tħabblu rascom x'sejjrin tieclu f'il għaxija, u aracom titħabtu biex taraü x'tixtru u f'loc li toħorġu erba passi għal saħħitcom tokogħdu imreccnin f'il ccina issajjru, taklu, tgħallu u x'nat jien. U issib ħafna injoranti li jecc f'il għaxija ma jgħabbux l-istoncu b'nofs ratal għagin, jeü jecc ma jieclux nofs ratal ħobż u ma jixorbux flixcun imbit (ta'l isem) minn dac li ma hux ħliet culur u porcherija, ma jcunux cuntenti. Jaħasra għalihom li jarmu flushom li tant ijbatu għalihom biex jorkdu lejl ħażin, jisbħu agħar u jgħarrku saħħithom. Le, f'il għaxija ma għandux ijsir tisjir ta' xejn; il mara bi'ż-żejjed taħli nofs siegħa f'il ccina f'il għodu, u dac il ħin li soltu taħlu f'il ccina f'il għaxija ħassluh mixja għal l-arja għal saħħitcom f'xatt ta' baħar u kalb is-sigar. Meta tiġu insalata ħafifa, ftit crema ħafifa, tazza ħalib imsaħħna u barra b'id-dakk—franchizza ta' flus, ta' ħela ta' żmien, ta' siccatura issaħħan u tberred sa tinġabru üieħed üieħed, u dac ijrid jiecol cmieni biex jarġa joħroġ, u l-ieħor dam ma gie għax stalla jitħaddet, u imbagħad xenata għaliex collox sar għasida, jeü chesaħ u ħafna battalji bla bżonn minn d'il fatta biss biex tgħarrku butcom u saħħitcom. Meta tieħdu l-użu ta'l insalata jeü ta' ftit crema dana jispiċċa collu għaliex cullħadd ijcun f'il-libertà tiegħu li jista jidħol id-dar x'ħin ijrid u x'ħin jogħġbu u inti ma hemmx bżonn li tokgħod irsira sa'd-disgħa ta' b'il-lejl issaħħan, tberred u titfettet għax collox sar pesti. Il mara ma hix irsira f'iddar u għandu jcollha il ħin tal'-libertà tagħha biex tagħmel passiġġata għal saħħitha bħal ma jagħmel ir-ragel, u ġaladarba l-ichel ta' f'il għaxija f'loc gid ma jagħmelx ħlief ħafna deni f'il familja billi jgħarrak il but u is-saħħa, hemm bżonn li jinkata darba għal dejjem u tgħaddu biss bi ħüejjeġ ħfief u li jridu tisjir ta' ftit ħin. B'hecc il mara tcun tista hi ucoll, bħal ma għandha dritt u bħal ma hu gid cbir ta'l familja, li tibża għal saħħitha u tmur tkatta siegħa mistriħ għal l-arja f'loc li tokgħod imreccna fi ccina kalb id-dħaħen u il foga ta'l pitrolju. F'il għaxar snin li ili mizżeüüġa katt ma għaddieli il ħsieb biss li insajjar darba f'il għaxija u dejjem għaddejna bi ħüejjeġ ħfief u sustanzjusi u sibna ruħna ħafna aħjar għaliex nistgħu ingħidu li katt ma mradna; u dac il ħin li üieħed rebaħ kattgħu barra għal l-arja jeü jakra jeü ijħit jeü jagħmel xi ħaġ'oħra għal gid ta'l familja meta ma jridx üieħed jokgħod jistriħ ftit m'il għeja ta'l ġurnata biex ma jcunx sar kejsu il ħmar ta'l midħna.

*(Jissocta.)*

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

# TRIDU TFIEKU MALAJR?

Morru f 'id-**Dar ta'l Cura** ta'l imfahhar

**Prof: ERNESTU PICONE**

ta' Serkusa, fi Skallija, fejn ijsiru operazzjonijiet ta' chirurgija, ta' ostetriċja, ta' ginecologija u ta'l għajnejn, b'heffa, b'rekka u bi prezzijiet moderati li cullhadd hareġ cuntent minnhom.

Min jinfetak, jeũ ijcollu il mard ta'l hağra, jeũ mardijiet ta'l ġuf, ta'l istoncu, ta'l fũied, ta'l clieũi u mardijiet oħrajn, l-isbaħ li jagħmel hu li jakbeż sa hemm fejn ijsib cull cumdità u jonfok ftit.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Għodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjat, u ta'l caũba.**

**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

BRITANNIA

# L=OSSIGENU

li illum hu tant użat f 'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqũida) sab chif minn dina l-arja liqũida joħroġ l-

## OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f 'loc li jokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

# Is=Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħũejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tũiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daũl kaũũi u sabiħ ũisk u ħafna ħũejjeġ oħra bhal daũn ta'l aħjar qũalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaũ biex taraũ chif toħorġu cuntenti sgur.

# INVENZJONI FAMUSA

**li sgur dic li għamlu dan l-aħħar billi sabu ħaġa li tiffranca m'hux biss xogħol u żmien iżda flus ucoll u taħbit f'il hasil.**

**Meta biex tiffrancaũ ix-xogħol u l-għeric**

## UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex tiffrancaũ is-sapun għaliex taħlu ftit**

## UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex ma tħallsux ħassiela u ma taħlux ħafna żmien**

## UZAU "IR-RUBNIT"

**li jinbiegħ il Belt għand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema għand il « BRITANNIA » ta' Sda. it-Torri.**



Min hu marid b'l-ANEMIJA (nakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ũara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaũũi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaũũija. Daũna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaũh fukhom stess jeũ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr: Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

# IS=SECLU TA'N=NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haũn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il mishuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seũũa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaũ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ũara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeũ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAĊH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**

FLUS! FLUS! FLUS!

Min ijrid jixtri jeŭ ijbigħ titoli b'il premju jeŭ bl-imgħax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand is-**Sur C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt**, cull jum barra m'il festi u il ħdud, m'it-tmienja sa nofsinhar fejn jista jieħu ŭcoll cull informazzjoni oħra.

SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

# Jecc tippruvau darba il CAFE'

MITHUN

TA'

# C. CAMILLERI & SONS

ta'l English Confectionery

ta' Strada Mercanti numri 51 u 196, il Belt

TERG'GHU SGUR.

## Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA




## C. CAMILLERI & SONS

50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

BL: BY FORMOSA

**In-"Nahla" tistampa ruħħa fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xogħol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irħas ferm.**